Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2021/0136(COD)

11.10.2022

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea
(COM(2021)0281 – C9-0200/2021 – 2021/0136(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Cristian Terhes

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) ***Ir-Regolament*** (UE) ***Nru*** 2016/679[19] ***japplika*** għall-ipproċessar ta' data personali fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi salvagwardji speċifiċi biex jiġi evitat li l-forniturі ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika u dawk ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi jikkombinaw data personali minn servizzi oħra mad-data personali relatata mas-servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	(6) ***Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li huma proprjetarji ta' id-data ta' identifikazzjoni ta' persuna jenħtieġ li jitqiesu bħala suġġetti tal-Identità Diġitali. Ir-Regolamenti*** (UE) 2016/679[19] ***u (UE) 2018/1725[19a] u d-Direttiva 2002/58/KE[19b] japplikaw*** għall-ipproċessar ta' data personali fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi salvagwardji speċifiċi biex jiġi evitat li l-forniturі ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika u dawk ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi jikkombinaw data personali minn servizzi oħra mad-data personali relatata mas-servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***Dan ir-Regolament ikompli jispeċifika wkoll l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-data, u l-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku għall-każijiet ta' użi speċifiċi, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 2016/679.***
[19] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali	[19] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali

dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1

dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1

19a Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39)

[19b] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) biex tiġi żgurata l-konformità ***fid-dritt*** tal-Unjoni jew ***fil-liġi*** nazzjonali ***konformi mad-dritt tal-Unjoni***, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ***jikkomunikaw l-intenzjoni tagħhom li*** jiddependu fuq il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali ***lill-Istati Membri***. Dak se jippermetti lill-Istati Membri jipproteġu lill-utenti mill-frodi u jipprevjenu l-użu illegali ta' data dwar l-identità u ta' attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi kif ukoll jiżguraw li l-ipproċessar ta' data sensittiva, bħad-data dwar is-saħħa, jista' jiġi vverifikat minn partijiet dipendenti f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali.	(8) Biex tiġi żgurata l-konformità ***mad-dritt*** tal-Unjoni jew ***mal-liġi*** nazzjonali, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ***jirreġistraw mal-Istati Membri qabel ma jkunu jistgħu*** jiddependu fuq il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali***. Jenħtieġ li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jkunu jistgħu jressqu lment fir-rigward tal-użu tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali minn parti dipendenti***. Dak se jippermetti lill-Istati Membri jipproteġu lill-utenti mill-frodi u jipprevjenu l-użu illegali ta' data dwar l-identità u ta' attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi**,** kif ukoll jiżguraw li l-ipproċessar ta' data sensittiva, bħad-data dwar is-saħħa, jista' jiġi vverifikat minn partijiet dipendenti f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali. ***L-Istati Membri jenħtieġ jipprevjenu l-użu illegali tad-data tal-identità, u jiżguraw li l-partijiet dipendenti jirrikjedu biss data li***

hija strettament meħtieġa għall-forniment tas-servizz.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali kollha jenħtieġ li jippermettu lill-utenti jidentifikaw u jawtentikaw b'mod elettroniku online u offline bejn il-fruntieri biex jaċċessaw firxa wiesgħa ta' servizzi pubbliċi u privati. Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fir-rigward tal-identifikazzjoni taċ-ċittadini u tar-residenti tagħhom, il-Kartieri jistgħu jservu wkoll il-ħtiġijiet istituzzjonali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. L-użu offline ikun importanti f'ħafna setturi, inkluż fis-settur tas-saħħa fejn is-servizzi ta' spiss jiġu pprovduti permezz ta' interazzjoni wiċċ imb'wiċċ u l-preskrizzjonijiet elettroniċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq il-kodiċijiet QR jew teknoloġiji simili biex tiġi vverifikata l-awtentiċità. Billi jiddependu fuq il-livell ta' assigurazzjoni "għoli", il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jenħtieġ li jibbenefikaw mill-potenzjal offrut minn ***soluzzjonijiet*** li ma ***jippermettux*** tbagħbis bħal elementi siguri, biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sigurtà skont dan ir-Regolament. Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jenħtieġ li jippermettu wkoll lill-utenti joħolqu u jużaw firem u siġilli elettroniċi kwalifikati li huma aċċettati madwar ***l-UE*** kollha. biex jinkisbu benefiċċji ta' simplifikazzjoni u ta' tnaqqis tal-kostijiet għall-persuni u għan-negozji madwar ***l-UE*** kollha, inkluż billi jiġu permessi setgħat ta' rappreżentanza u mandati elettroniċi, l-Istati Membri jenħtieġ li joħorġu Kartieri Ewropej tal-	(9) Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali kollha jenħtieġ li jippermettu lill-utenti jidentifikaw u jawtentikaw b'mod elettroniku online u offline bejn il-fruntieri biex jaċċessaw firxa wiesgħa ta' servizzi pubbliċi u privati. Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fir-rigward tal-identifikazzjoni taċ-ċittadini u tar-residenti tagħhom, il-Kartieri jistgħu jservu wkoll il-ħtiġijiet istituzzjonali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. L-użu offline ikun importanti f'ħafna setturi, inkluż fis-settur tas-saħħa fejn is-servizzi ta' spiss jiġu pprovduti permezz ta' interazzjoni wiċċ imb'wiċċ u l-preskrizzjonijiet elettroniċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq il-kodiċijiet QR jew teknoloġiji simili biex tiġi vverifikata l-awtentiċità. ***L-utenti jenħtieġ li jkollhom aċċess għal interfaċċja sempliċi li tippermettilhom li jkollhom ħarsa ġenerali tal-awtorizzazzjonijiet attwali u preċedenti tagħhom fir-rigward tal-kondiviżjoni tad-data personali jew l-attestazzjoni elettronika tal-attributi. Jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jirtiraw il-kunsens tagħhom.*** Billi jiddependu fuq il-livell ta' assigurazzjoni "għoli", il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jenħtieġ li jibbenefikaw mill-potenzjal offrut minn ***teknoloġija*** li ma ***tippermettix*** tbagħbis bħal elementi siguri, biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sigurtà ***u tal-integrità*** skont dan ir-Regolament. Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jenħtieġ li

Identità Diġitali li jiddependu fuq standards komuni biex jiżguraw interoperabbiltà mingħajr xkiel u livell għoli ta' sigurtà. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biss jistgħu jipprovdu grad għoli ta' kunfidenza fl-istabbiliment tal-identità ta' persuna u għalhekk jipprovdu assigurazzjoni li l-persuna li tiddikjara jew li tasserixxi identità partikolari hija fil-fatt il-persuna li hija tiddikjara li hija. Għalhekk, jeħtieġ li l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jiddependu fuq l-identità legali taċ-ċittadini, ta' residenti oħrajn jew ta' entitajiet ġuridiċi. Il-fiduċja fil-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali tissaħħaħ mill-fatt li l-partijiet emittenti huma meħtieġa jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżguraw livell ta' sigurtà proporzjonat għar-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679.	jippermettu wkoll lill-utenti joħolqu u jużaw firem u siġilli elettroniċi kwalifikati li huma aċċettati madwar ***l-Unjoni*** kollha. biex jinkisbu benefiċċji ta' simplifikazzjoni u ta' tnaqqis tal-kostijiet għall-persuni u għan-negozji madwar ***l-Unjoni*** kollha, inkluż billi jiġu permessi setgħat ta' rappreżentanza u mandati elettroniċi, l-Istati Membri jenħtieġ li joħorġu Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali li jiddependu fuq standards komuni biex jiżguraw interoperabbiltà mingħajr xkiel u livell għoli ta' sigurtà. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biss jistgħu jipprovdu grad għoli ta' kunfidenza fl-istabbiliment tal-identità ta' persuna u għalhekk jipprovdu assigurazzjoni li l-persuna li tiddikjara jew li tasserixxi identità partikolari hija fil-fatt il-persuna li hija tiddikjara li hija. Għalhekk, ***għal ċerti każijiet ta' użu*** jeħtieġ li l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jiddependu fuq l-identità legali taċ-ċittadini, ta' residenti oħrajn jew ta' entitajiet ġuridiċi. Il-fiduċja fil-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali tissaħħaħ mill-fatt li l-partijiet emittenti huma meħtieġa jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżguraw livell ta' sigurtà proporzjonat għar-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Sabiex tiġi żgurata l-adozzjoni b'suċċess tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, huwa kruċjali li tiġi żgurata l-fiduċja fil-qafas tekniku wara l-Kartiera u fl-ekosistema diġitali ta' madwarha. Livell għoli ta' trasparenza jista' jikkontribwixxi għall-istabbiliment tal-fiduċja billi jippermetti lill-utenti

	jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar il-karatteristiċi tas-sigurtà u tal-privatezza tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, kif ukoll billi jippermetti l-iskrutinju pubbliku tal-attivitajiet u tal-atturi involuti fil-qafas. Għal din ir-raġuni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti, bħas-settings protettivi tal-privatezza, l-arkitettura teknika, l-oqfsa tas-sigurtà, u l-post fejn jitwettaq l-ipproċessar tad-data personali, tiġi inkluża fis-sett ta' informazzjoni minima dwar il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali u titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9b) Wieħed mill-objettivi tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jenħtieġ li jkun li ttejjeb il-possibbiltajiet taċ-ċittadini li jagħmlu l-għażliet tagħhom stess dwar liema data jikkondividu, biex jitnaqqas kemm jista' jkun l-ammont ta' data kondiviża għas-servizz li jixtiequ jużaw u biex jiġġestixxu u jikkontrollaw aħjar id-data kondiviża.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Biex jinkiseb livell għoli ta' sigurtà u fiduċja, dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Il-konformità tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali ma' dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li tiġi ċċertifikata minn	(10) Biex jinkiseb livell għoli ta' sigurtà u fiduċja, dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Il-konformità tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali ma' dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li tiġi ċċertifikata minn

korpi akkreditati tas-settur pubbliku jew privat maħtura mill-Istati Membri. Id-dipendenza fuq skema ta' ċertifikazzjoni bbażata fuq ***id-disponibbiltà ta'*** standards maqbula komunement mal-Istati Membri jenħtieġ li tiżgura livell għoli ta' fiduċja u ***interoperabbiltà***. B'mod partikolari, iċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li tiddependi fuq l-iskemi ta' ċertifikazzjonijiet taċ-ċibersigurtà Ewropej rilevanti stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2019/881[20]. Din iċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għaċ-ċertifikazzjoni fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali skont ir-Regolament (KE) 2016/679

[20] Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà), ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15

korpi akkreditati tas-settur pubbliku jew privat maħtura mill-Istati Membri. Id-dipendenza fuq skema ta' ċertifikazzjoni bbażata fuq ***teknoloġija tal-ogħla livell u fuq*** standards maqbula komunement mal-Istati Membri jenħtieġ li tiżgura livell għoli ta' fiduċja***, interoperabbiltà*** u ***protezzjoni tad-data***. B'mod partikolari, iċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li tiddependi fuq l-iskemi ta' ċertifikazzjonijiet taċ-ċibersigurtà Ewropej rilevanti stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2019/881[20]. Din iċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għaċ-ċertifikazzjoni fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali skont ir-Regolament (KE) 2016/679***.***

[20] Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà), ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jenħtieġ li jiżguraw l-ogħla livell ta' sigurtà għad-data personali użata għall-awtentikazzjoni irrispettivament minn jekk din id-data tinħażinx lokalment ***jew*** fuq soluzzjonijiet ibbażati fuq il-cloud, filwaqt li jqisu l-livelli differenti ta' riskju. L-użu tal-bijometrika għall-awtentikazzjoni ***huwa wieħed mill-metodi ta' identifikazzjoni*** li ***jipprovdu livell għoli ta' fiduċja, b'mod partikolari meta jintużaw flimkien ma' elementi oħra*** ta' awtentikazzjoni. ***Peress li***	(11) Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jenħtieġ li jiżguraw l-ogħla livell ta' sigurtà għad-data personali użata għall-awtentikazzjoni irrispettivament minn jekk din id-data tinħażinx lokalment***,*** fuq soluzzjonijiet ibbażati fuq il-cloud ***jew fuq taħlita tat-tnejn***, filwaqt li jqisu l-livelli differenti ta' riskju. L-użu tal-bijometrika għall-awtentikazzjoni ***jenħtieġ*** li ***ma jkunx prekundizzjoni għall-użu tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, minkejja r-rekwiżit*** ta' awtentikazzjoni ***b'saħħitha tal-***

l-bijometrika tirrappreżenta karatteristika unika ta' persuna, l-użu ***tal-bijometrika jirrikjedi miżuri organizzattivi*** u ta' sigurtà, proporzjonati għar-riskju li dan l-ipproċessar jista' jinvolvi għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi u f'konformità ***mar-Regolament 2016/679***.

utent. ***Billi*** l-bijometrika tirrappreżenta karatteristika unika ta' persuna, l-użu ***tad-data bijometrika huwa limitat għal xenarji speċifiċi skont ir-Regolament (UE) 2016/679,*** u ***jirrikjedi miżuri*** ta' sigurtà ***tekniċi u organizzattivi***, proporzjonati għar-riskju li dan l-ipproċessar jista' jinvolvi għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi u f'konformità ***ma' dak ir-Regolament. Il-kapaċità li l-informazzjoni mill-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tinħażen fil-cloud jenħtieġ li tkun attiva biss wara li l-utent ikun ta l-kunsens espliċitu tiegħu. L-Istati Membri jenħtieġ li jippermettu lill-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali taħżen materjal kriptografiku u tittratta tranżazzjonijiet dwar l-apparat tal-utent mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa tas-servizzi tal-cloud sakemm l-utent ma jkunx ta l-kunsens espliċitu tiegħu għal tali ħżin. Fejn il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tiġi pprovduta fuq l-apparat tal-utent, il-materjal kriptografiku tiegħu jenħtieġ li jinħażen fl-elementi siguri tal-apparat.***

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Biex jiġi żgurat li l-qafas Ewropew tal-Identità Diġitali jkun miftuħ għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp teknoloġiku, u jibqa' validu fil-futur, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jistabbilixxu b'mod konġunt sandboxes għall-ittestjar ta' soluzzjonijiet innovattivi f'ambjent ikkontrollat u sigur b'mod partikolari biex itejbu l-funzjonalità, il-protezzjoni tad-data personali, is-sigurtà u l-interoperabbiltà tas-soluzzjonijiet u biex jinfurmaw dwar aġġornamenti futuri tar-referenzi tekniċi u tar-rekwiżiti legali. Dan l-ambjent jenħtieġ li jrawwem l-inklużjoni ta' Intrapriżi Żgħar	(12) Biex jiġi żgurat li l-qafas Ewropew tal-Identità Diġitali jkun miftuħ għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp teknoloġiku, u jibqa' validu fil-futur, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jistabbilixxu b'mod konġunt sandboxes għall-ittestjar ta' soluzzjonijiet innovattivi f'ambjent ikkontrollat u sigur b'mod partikolari biex itejbu l-funzjonalità, il-protezzjoni tad-data personali, is-sigurtà u l-interoperabbiltà tas-soluzzjonijiet u biex jinfurmaw dwar aġġornamenti futuri tar-referenzi tekniċi u tar-rekwiżiti legali. Dan l-ambjent jenħtieġ li jrawwem l-inklużjoni ta' Intrapriżi Żgħar

u Medji Ewropej, negozji ġodda u innovaturi u riċerkaturi individwali.

u Medji Ewropej, negozji ġodda u innovaturi u riċerkaturi individwali***, filwaqt li jtejjeb il-konformità u jipprevjeni t-tqegħid fis-suq ta' soluzzjonijiet li jiksru d-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tal-IT***.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-fornituri tas-servizzi jużaw id-data dwar l-identità pprovduta mis-sett ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna disponibbli mill-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 biex iqabblu l-utenti minn Stat Membru ieħor mal-identità legali ta' dak l-utent. Madankollu, minkejja l-użu tas-sett tad-data tal-eIDAS, f'ħafna każijiet l-iżgurar ta' tqabbil preċiż jirrikjedi informazzjoni addizzjonali dwar l-utent u proċeduri ta' identifikazzjoni unika speċifiċi fil-livell nazzjonali. biex jiġi appoġġat ulterjorment l-użu ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika, dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu miżuri speċifiċi biex jiżguraw tqabbil korrett tal-identità fil-proċess ta' identifikazzjoni elettronika. ***Għall-istess fini, dan ir-Regolament jenħtieġ li jestendi wkoll is-sett tad-data minimu obbligatorju u jirrikjedi*** l-użu ta' ***identifikatur elettroniku uniku*** u persistenti ***f'konformità mad-dritt tal-Unjoni f'dawk il-każijiet fejn ikun meħtieġ li l-utent jiġi identifikat legalment fuq talba tiegħu*** b'mod ***uniku*** u persistenti.	(17) Il-fornituri tas-servizzi jużaw id-data dwar l-identità pprovduta mis-sett ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna disponibbli mill-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 biex iqabblu l-utenti minn Stat Membru ieħor mal-identità legali ta' dak l-utent. Madankollu, minkejja l-użu tas-sett tad-data tal-eIDAS, f'ħafna każijiet l-iżgurar ta' tqabbil preċiż jirrikjedi informazzjoni addizzjonali dwar l-utent u proċeduri ta' identifikazzjoni unika speċifiċi fil-livell nazzjonali. biex jiġi appoġġat ulterjorment l-użu ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika, dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu miżuri speċifiċi biex jiżguraw tqabbil korrett tal-identità fil-proċess ta' identifikazzjoni elettronika. ***L-użu ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna jew kombinazzjoni ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna, inkluż*** l-użu ta' ***identifikaturi uniċi*** u persistenti ***maħruġa mill-Istati Membri jew iġġenerati mill-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-identità tal-utent,*** b'mod ***partikolari fis-settur pubbliku u, fejn meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali, tkun tista' tiġi vverifikata. Il-liġi tal-Istat Membru jenħtieġ li tkun tista' tirrikjedi l-użu ta' identifikaturi uniċi*** u persistenti ***speċifiċi għas-settur jew għall-parti dipendenti. Il-Kartiera Ewropea tal-***

	Identità Diġitali jenħtieġ li tkun kapaċi taħżen dawk l-identifikaturi u tiddivulgahom meta mitlub mill-utent.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) ***Fil-bidċa*** l-kbira tal-każijiet, iċ-ċittadini u residenti oħrajn ma jistgħux jiskambjaw b'mod diġitali, ***bejn il-fruntieri***, informazzjoni relatata mal-identità tagħhom, ***bħal indirizzi***, l-età u ***kwalifiki*** professjonali, ***liċenzji*** tas-sewqan u permessi oħra***,*** u data dwar ***il-ħlas***, b'mod ***sikur*** u b'livell għoli ta' protezzjoni tad-data.	(25) ***Fis-suq intern, iċ-ċittadini jeħtieġ li jkollhom l-opportunità li jiskambjaw informazzjoni dwar l-identità tagħhom minn naħa għall-oħra tal-fruntieri. Madankollu, fil-bidċa*** l-kbira tal-każijiet, iċ-ċittadini u residenti oħrajn ma jistgħux jiskambjaw b'mod diġitali, ***minn naħa għall-oħra tal-fruntieri***, informazzjoni ***ċċertifikata uffiċjalment*** relatata mal-identità tagħhom, ***bħall-indirizzi***, l-età u ***l-kwalifiki*** professjonali, ***il-liċenzji*** tas-sewqan u permessi oħra u data dwar ***ħlasijiet***, b'mod ***sigur*** u b'livell għoli ta' protezzjoni tad-data. ***Dan jista' jirriżulta fit-trasferiment ta' dik id-data b'mod inqas sigur u inqas organizzat.***

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jenħtieġ li tippermetti b'mod tekniku l-iżvelar selettiv tal-attributi lill-partijiet dipendenti. Din il-karatteristika jenħtieġ li ssir karatteristika bażika tat-tfassil u b'hekk jissaħħu l-konvenjenza u l-protezzjoni tad-data personali inkluż il-minimizzazzjoni tal-ipproċessar tad-data personali.	(29) Il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jenħtieġ li tippermetti b'mod tekniku l-iżvelar selettiv tal-attributi lill-partijiet dipendenti ***b'mod sigur u faċli għall-utent bħala waħda mill-karatteristiċi u vantaġġi ewlenin tagħha. Jenħtieġ li tiżgura wkoll li l-ebda attribut ma jiġi żvelat lill-partijiet li mhumiex irreġistrati biex jirċievu tali attributi.*** Din il-karatteristika jenħtieġ li ssir karatteristika bażika tat-tfassil u b'hekk

	jissaħħu l-konvenjenza u l-protezzjoni tad-data personali inkluż il-minimizzazzjoni tal-ipproċessar tad-data personali ***b'mod partikolari l-privatezza mid-disinn u b'mod awtomatiku. Il-mekkaniżmi għall-validazzjoni tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, id-divulgazzjoni selettiva u l-awtentikazzjoni tal-utenti biex jaċċessaw is-servizzi online jenħtieġ li jkunu tali li jippreservaw il-privatezza u b'hekk jipprevjenu l-intraċċar tal-utent u jirrispettaw il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop, li jimplika d-dritt għall-psewdonimità biex jiġi żgurat li l-utent ma jkunx jista' jiġi kollegat bejn diversi partijiet dipendenti. L-arkitettura teknika u l-implimentazzjoni teknika tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jenħtieġ li tkun f'konformità sħiħa mar-Regolament (UE) 2016/679. Barra minn hekk, in-natura deċentralizzata tal-kartiera jenħtieġ li tippermetti l-awtoiffirmar u r-revokabbiltà tal-attributi u l-identifikaturi.***

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a) Sakemm regoli speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni jew tal-liġi nazzjonali jirrikjedu li l-utenti jidentifikaw lilhom infushom, l-użu tas-servizzi taħt psewdonimu jenħtieġ li jkun permess u jenħtieġ li ma jkunx ristrett mill-Istati Membri, pereżempju billi jiġi impost obbligu ġenerali fuq il-fornituri tas-servizzi li jillimitaw l-użu psewdonimu tas-servizzi tagħhom.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Iċ-ċertifikazzjoni bħala fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji jenħtieġ li tipprovdi ċertezza legali għall-każijiet ta' użu li jibnu fuq ir-reġistri elettroniċi. Dan is-servizz fiduċjarju għar-reġistri elettroniċi u għar-reġistri elettroniċi kwalifikati u ċ-ċertifikazzjoni bħala fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji għar-reġistri elettroniċi jenħtieġ li jkunu, minkejja li jeħtieġ li l-każijiet ta' użu jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Il-każijiet ta' użu li jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali jridu jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2016/679. Il-każijiet ta' użu li jinvolvu l-kriptoassi jenħtieġ li jkunu kompatibbli mar-regoli finanzjarji applikabbli kollha pereżempju mad-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji[23], mad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament[24] ***u*** mar-Regolament futur dwar is-Swieq fil-Kriptoassi[25].	(35) Iċ-ċertifikazzjoni bħala fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji jenħtieġ li tipprovdi ċertezza legali għall-każijiet ta' użu li jibnu fuq ir-reġistri elettroniċi. Dan is-servizz fiduċjarju għar-reġistri elettroniċi u għar-reġistri elettroniċi kwalifikati u ċ-ċertifikazzjoni bħala fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji għar-reġistri elettroniċi jenħtieġ li jkunu, minkejja li jeħtieġ li l-każijiet ta' użu jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Il-każijiet ta' użu li jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali jridu jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2016/679. Il-każijiet ta' użu li jinvolvu l-kriptoassi jenħtieġ li jkunu kompatibbli mar-regoli finanzjarji applikabbli kollha pereżempju mad-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji[23], mad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament***[24],*** mar-Regolament futur dwar is-Swieq fil-Kriptoassi[25] ***u mar-Regolament dwar it-Trasferimenti ta' Fondi[25a]***.
[23] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE Test b'rilevanza għaż-ŻEE, ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349–496.	[23] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE Test b'rilevanza għaż-ŻEE, ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349–496.
[24] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35-127.	[24] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35-127.
[25] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Swieq fil-	[25] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Swieq fil-

Kriptoassi, u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937, COM/2020/593 final.	Kriptoassi, u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937, COM/2020/593 final.
	[25a] Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u ta' ċerti kriptoassi (riformulazzjoni), 2021/0241(COD).

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt i
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) 'Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali' hija ***prodott u servizz*** li ***jippermetti*** lill-utent jaħżen data, kredenzjali u attributi ***dwar l-identità*** marbuta mal-identità ***tiegħu***, biex jipprovdihom lil partijiet dipendenti fuq talba u biex jużahom għall-awtentikazzjoni, online u offline, ***ta'*** servizz f'konformità mal-Artikolu 6a; u biex joħloq firem u siġilli elettroniċi kwalifikati;	(42) 'Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali' hija ***mezz ta' identifikazzjoni elettronika*** li ***tippermetti*** lill-utent***, fuq apparat fil-kontroll tal-utent,*** jaħżen ***u jiġġestixxi*** data ***dwar l-identità, konfermi espliċiti ta' kunsens għall-kondivižjoni ta' data personali***, kredenzjali u attributi marbuta mal-identità ***tal-utent***, biex jipprovdihom ***b'mod selettiv*** lil partijiet dipendenti ***debitament irreġistrati*** fuq talba u biex jużahom għall-awtentikazzjoni, online u offline, ***għal*** servizz f'konformità mal-Artikolu 6a; u biex joħloq firem u siġilli elettroniċi kwalifikati;

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt i
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) ***'attribut' huwa*** karatteristika jew kwalità ta' persuna fiżika jew ġuridika jew ta' entità***, f'forma elettronika***;	(43) ***"attribut" tfisser rappreżentazzjoni elettronika ta'*** karatteristika jew kwalità ta' persuna fiżika jew ġuridika jew ta' entità;

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt i
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(55) ***'identifikazzjoni unika'*** tfisser proċess fejn id-data ta' identifikazzjoni ta' persuna jew il-mezzi ta' identifikazzjoni ta' persuna jitqabblu jew jiġu kkollegati ma' kont eżistenti li jappartjeni għall-istess persuna.";	(55) ***'tqabbil tal-identità'*** tfisser proċess fejn id-data ta' identifikazzjoni ta' persuna jew il-mezzi ta' identifikazzjoni ta' persuna jitqabblu jew jiġu kkollegati ma' kont eżistenti li jappartjeni għall-istess persuna.";

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Psewdonimi fi tranżazzjoni elettronika	***Il-protezzjoni tad-data personali, u l-psewdonimi fit-tranżazzjoni*** elettronika

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-effett legali mogħti lil psewdonimi skont il-liġi nazzjonali**, **l-użu tal-psewdonimi fi tranżazzjonijiet elettroniċi ma għandux jiġi pprojbit.";	***1. L-ipproċessar tad-data personali għandu jitwettaq f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 u, fejn rilevanti, mad-Direttiva 2002/58/KE, billi jiġu implimentati l-prinċipji tal-minimizzazzjoni tad-data, il-limitazzjoni tal-iskop, u l-protezzjoni tad-data mid-***

disinn u b'mod awtomatiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri tekniċi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-qafas tal-interoperabbiltà f'konformità mal-Artikolu 12 tiegħu.

2. Mingħajr preġudizzju għall-effett legali mogħti lil psewdonimi skont il-liġi nazzjonali, l-użu tal-psewdonimi fi tranżazzjonijiet elettroniċi għandhom ikunu permessi. L-użu ta' psewdonimi magħżula liberament mill-utent għandu dejjem ikun għażla li tissostitwixxi identifikatur uniku fejn l-identifikazzjoni tal-utent ma tkunx meħtieġa mid-drott tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali.

3. Il-partijiet dipendenti għandhom jagħmlu sforzi raġonevoli biex jippermettu l-użu tas-servizzi tagħhom mingħajr identifikazzjoni jew awtentikazzjoni elettroniċi.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 6a – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) it-teħid ta' deċiżjoni infurmata dwar il-qsim ta' informazzjoni personali ma' partijiet dipendenti. Dan jinkludi l-identifikazzjoni tal-parti dipendenti, il-possibbiltà għar-rifjut sħiħ jew parzjali tat-talbiet għall-informazzjoni mill-partijiet dipendenti, storja sħiħa tat-tranżazzjoni.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 6a – paragrafu 4 – punt a– punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) għal partijiet dipendenti biex jitolbu u jivvalidaw data ta' identifikazzjoni ta' persuna u attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi;	(2) għal partijiet dipendenti biex jitolbu u jivvalidaw data ta' identifikazzjoni ta' persuna u attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi ***f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679***;

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 6a – paragrafu 4 – punt a– punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) għal partijiet dipendenti biex ikunu rreġistrati kif xieraq fuq lista disponibbli għall-pubbliku u biex it-talbiet tagħhom għall-informazzjoni jkunu viżibbli fuq dik il-lista disponibbli għall-pubbliku;

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 6a – paragrafu 4 – punt a– punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) għall-preżentazzjoni lil partijiet dipendenti ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna, attestazzjoni elettronika tal-attributi jew data oħra ***bħall-kredenzjali***, ***f'modalità*** lokali li ma ***tirrikjedix*** aċċess għall-internet għall-Kartiera;	(3) għall-preżentazzjoni ***f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679*** lil partijiet dipendenti ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna ***bħal kredenzjali***, attestazzjoni elettronika tal-attributi jew data oħra, ***fil-modalità*** lokali li ma ***teħtieġx*** aċċess għall-internet għall-kartiera ***u biex l-utent jieħu deċiżjoni infurmata dwar il-kondiviżjoni ta' informazzjoni personali ma' partijiet dipendenti, filwaqt li jkun żgurat li d-divulgazzjoni selettiva tkun possibbli, tali preżentazzjoni inkluż ir-rifjut sħiħ jew***

	parzjali tat-talbiet għall-informazzjoni minn partijiet dipendenti, storja sħiħa tat-tranżazzjonijiet, il-possibbiltà li jiġi rtirat il-kunsens mogħti preċedentement għal talbiet għall-informazzjoni u informazzjoni dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet bħala suġġett tad-data;

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 6a – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżguraw li l-fornituri ta' ***servizzi fiduċjarji tal-attestazzjonijiet*** kwalifikati tal-attributi ***ma*** jkunu ***jistgħu*** jirċievu ***l-ebda*** informazzjoni dwar l-użu ta' dawn l-attributi;	(b) jiżguraw li l-fornituri ta' ***attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati u mhux*** kwalifikati tal-attributi jkunu ***teknoloġikament ipprevenuti milli*** jirċievu ***xi*** informazzjoni dwar l-użu ta' dawn l-attributi;

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 6a – paragrafu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jiżguraw li d-data ta' identifikazzjoni ta' persuna msemmija ***fil-punt*** (***d***) ***tal-Artikolu 12***(***4***) tirrappreżenta b'mod uniku ***u persistenti*** lill-persuna fiżika jew ġuridika li tkun ***assoċjata magħha.***	(e) jiżguraw li d-data ta' identifikazzjoni ta' persuna msemmija ***fl-Artikolu 12***(***4***)***, il-punt*** (***d***)***,*** tirrappreżenta b'mod uniku lill-persuna fiżika jew ġuridika ***u*** li ***r-referenza għal dik id-data*** tkun ***differenti għall-partijiet dipendenti differenti, jekk dan ikun meħtieġ bil-liġi;***

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 6a – paragrafu 4 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jippermettu lill-utent jaċċessa, f'format li jinqara, lista ta' azzjonijiet, tranżazzjonijiet jew użi ta' attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi jew data ta' identifikazzjoni ta' persuna, li jkunu ġew awtorizzati mill-utent;

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 6a – paragrafu 4 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) jippermettu lill-utent jittrasferixxi d-data tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, u jimblokka l-aċċess għaliha f'każ ta' ksur tas-sigurtà, li jippermettu s-sospensjoni, ir-revoka jew l-irtirar tad-data.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 6a – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fejn hemm katina ta' partijiet dipendenti, l-intermedjarji ma għandhomx jiksbu għarfien dwar il-kontenut tat-tranżazzjoni.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 6a – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-utent għandu jkollu kontroll sħiħ tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali***.*** ***L-emittent*** tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali ***ma għandux jiġbor*** informazzjoni dwar l-użu tal-Kartiera ***li ma tkunx meħtieġa għall-forniment tas-servizzi tal-Kartiera, u lanqas ma*** għandu ***jikkombina data ta' identifikazzjoni ta' persuna u kwalunkwe data personali oħra maħżuna jew relatata mal-użu*** tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali ***ma' data personali minn xi servizz ieħor offrut minn dan l-emittent jew minn servizzi ta' partijiet terzi li ma tkunx meħtieġa għall-forniment tas-servizzi tal-Kartiera, dment*** li ***l-utent ma jkunx talab dan b'mod espliċitu.*** Id-data personali relatata mal-forniment tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandha tinżamm fiżikament u loġikament separata minn kwalunkwe data oħra miżmuma. Jekk il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tiġi pprovduta minn partijiet privati f'konformità mal-paragrafu 1(b) u (c), id-dispożizzjonijiet ***tal-paragrafu 4*** tal-Artikolu 45f għandhom japplikaw mutatis mutandis.	7. ***Il-qafas tekniku għall-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għandu jkun soġġett għall-prinċipji li ġejjin:***
	(a) L-utent għandu jkollu kontroll sħiħ tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali ***u tad-data tal-utent, inkluża l-awtoċertifikazzjoni.***
	(b) Il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għandha tuża elementi deċentralizzati għall-arkitettura tal-identità.
	(c) Is-sett ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika, attributi u ċertifikati li jinsabu f'Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għandu jinħażen b'mod sigur u esklużiv fuq apparati kkontrollati mill-utent, sakemm l-utent ma jagħtix il-kunsens tiegħu liberament għall-ħżin fuq apparati

ta' partijiet terzi jew għal opzjoni bbażata fuq il-cloud.

(d) Il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għandha tipprovdi kredenzjali li jkunu verifikabbli b'mod kriptografiku.

(e) Il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għandha tippermetti konnessjonijiet siguri bejn l-utent u l-partijiet dipendenti.

(f) L-arkitettura teknika tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għandha tipprevjeni lill-emittent tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali***, lill-Istat Membru jew kwalunkwe parti oħra milli jiġbru jew jiksbu mezzi ta' identifikazzjoni elettronika, attributi, dokumenti elettroniċi li jinsabu f'Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali u*** informazzjoni dwar l-użu tal-Kartiera ***mill-utent, ħlief meta mitlub mill-utent bl-użu ta' apparati fil-kontroll tal-utent. L-iskambju ta' informazzjoni permezz*** tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali ***ma għandux jippermetti lil fornituri oħra ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi jsegwu, jikkollegaw, jikkorrelataw jew b'xi mod ieħor jiksbu għarfien dwar it-tranżazzjonijiet jew l-imġiba tal-utenti.***

(g) L-identifikaturi uniċi u persistenti ma għandhomx ikunu aċċessibbli għal partijiet dipendenti f'każijiet għajr fejn l-identifikazzjoni tal-utent hija meħtieġa mid-dritt tal-Unjoni jew bil-liġi nazzjonali.

(h) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti dwar il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tkun disponibbli għall-pubbliku.

(i) Id-data personali relatata mal-forniment tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandha tinżamm fiżikament u loġikament separata minn kwalunkwe data oħra miżmuma.

(j) Jekk il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tiġi pprovduta minn partijiet privati f'konformità mal-paragrafu 1(b) u (c), id-dispożizzjonijiet

	tal-Artikolu 45f ***(4)*** għandhom japplikaw mutatis mutandis.
	(k) Fejn l-attestazzjoni tal-attributi ma teħtieġx l-identifikazzjoni tal-utent, għandha ssir attestazzjoni ta' għarfien żero.
	(l) L-emittent tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għandu jkun il-kontrollur għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 dwar l-ipproċessar ta' data personali fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.
	(m) Il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għandha tipprovdi mekkaniżmu tal-ilmenti li jippermetti lill-utenti jinfurmaw lill-korp superviżorju skont dan ir-Regolament u lill-awtoritajiet superviżorji stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2016/679 direttament meta parti dipendenti titlob ammont sproporzjonat ta' data li ma jkunx konformi mal-użu maħsub irreġistrat ta' dik id-data.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 6a – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-aċċess għas-servizzi pubbliċi u privati, għall-pjattaformi online skont it-tifsira tar-Regolament (UE) XXX/XXX [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] jew għas-suq tax-xogħol minn persuni fiżiċi ma għandux isir kondizzjonali fuq l-użu tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.
	L-użu tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandu jkun fakultattiv, ipprovdut mingħajr ħlas u fl-ebda ċirkostanza ma għandu joħloq raġunijiet għal kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni.
	Il-persuni fiżiċi ma għandhomx isofru

	żvantaġġi talli ma jużawx il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 11a – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Identifikazzjoni Unika	***Tqabbil tal-identità***

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 11a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta jintużaw mezzi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati u l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali ***għall-awtentikazzjoni***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ***identifikazzjoni unika***.	1. Meta jintużaw mezzi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati u l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali ***għall-identifikazzjoni elettronika***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ***it-tqabbil tal-identità***.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 11a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-Istati*** Membri ***għandhom, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jinkludu fis-sett*** minimu ta' data ta' identifikazzjoni ***ta' persuna*** msemmi fl-Artikolu 12.4.(d)***, identifikatur uniku*** u persistenti ***f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex***	2. ***Sabiex jiġi identifikat l-utent fuq talba tiegħu f'dawk il-każijiet fejn l-identifikazzjoni tal-utent tkun meħtieġa bil-liġi, għandhom jiġu pprovduti identifikaturi uniċi u persistenti maħruġa mill-Istati*** Membri ***jew iġġenerati mill-***

jidentifika l-utent fuq talba tagħhom f'dawk il-każijiet fejn l-identifikazzjoni tal-utent tkun meħtieġa bil-liġi.	***Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali flimkien mas-sett*** minimu ta' data ta' identifikazzjoni ***tal-persuna*** msemmi fl-Artikolu 12***(***4***), il-punt*** (d)***. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li identifikaturi uniċi u persistenti jkunu speċifiċi għas-settur jew għall-parti dipendenti dment li jidentifikaw b'mod uniku l-utent madwar l-Unjoni kollha.***

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt b
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 12 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) referenza għal sett ***minimu*** ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna meħtieġa biex tirrappreżenta b'mod uniku ***u persistenti*** persuna fiżika jew ***legali;"***;	(d) referenza għal sett ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna meħtieġa biex tirrappreżenta b'mod uniku persuna fiżika jew ***ġuridika, li tkun disponibbli minn skemi ta' identifikazzjoni elettronika***;

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt a – punt 2
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 17 – paragrafu 4 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) li jikkoopera mal-awtoritajiet superviżorji stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari, billi jinfurmahom mingħajr dewmien żejjed, dwar ir-riżultati tal-awditi tal-forniturikwalifikati ta' servizzi fiduċjarji, meta jkunu nkisru r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali**,** u dwar ksur ta' sigurtà li jikkostitwixxi ksur ta' data personali***;";***	(f) li jikkoopera mal-awtoritajiet superviżorji stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari, billi jinfurmahom mingħajr dewmien żejjed, dwar ir-riżultati tal-awditi tal-forniturikwalifikati ta' servizzi fiduċjarji, meta ***jkun hemm evidenza li*** jkunu nkisru r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali u dwar ksur ta' sigurtà li ***x'aktarx*** jikkostitwixxi ksur ta' data personali***, jew dwar suspetti ta' tali ksur li tiegħu jkun sar konxju fit-twettiq tal-kompiti tiegħu,***

	mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679.

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Regolament (UE) Nru 910/2014
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Fejn ikun jidher li ***kien*** hemm ***ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni*** tad-data ***personali***, il-korp superviżorju għandu jinforma lill-awtoritajiet superviżorji skont ir-Regolament (UE) 2016/679 ***dwar ir-riżultati*** tal-awditi tiegħu***."***;	***Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu ieħor fuq il-kontrolluri jew il-proċessuri tad-data*** li ***jirriżultaw mir-Regolament (UE) 2016/679, fejn ikun*** hemm ***xi raġuni biex wieħed jemmen li r-regoli tal-protezzjoni*** tad-data ***setgħu nkisru***, il-korp superviżorju għandu jinforma lill-awtoritajiet superviżorji skont ir-Regolament (UE) 2016/679***, lill-emittent u lill-kontrollur tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali mingħajr dewmien żejjed u għandu jipprovdi r-riżultati*** tal-awditi tiegħu ***malli jkunu disponibbli***;

ANNESS: LISTA TAL-ENTITAJIET JEW IL-PERSUNI LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT

Il-lista li ġejja hija kkompilata fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-Rapporteur. Ir-Rapporteur irċeva kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

Entita u/jew persuna

1. European Commission DG CNECT

2. The European Data Protection Supervisor
3. Brussels Privacy Hub, *THE EUROPEAN COMMISSION PROPOSAL AMENDING THE eIDAS REGULATION (EU) No 910/2014: A PERSONAL DATA PROTECTION PERSPECTIVE*
4. Professor Ricardo Genghini, Chairman of the European Standardization Committee E-Signature and Infrastructures (ESI) within the European Telecommunications Standards Institute (ETSI) - *Notes on the current draft of eIDAS Revision Proposal*
5. epicenter.works & European Digital Rights (EDRI)
6. Luukas Ilves, Deputy Secretary General of the Estonian Ministry of Economic Affairs and Communications for Digital Development
7. European Consumer Organisation (BEUC) - *Making European Digital Identity as Safe as It Is needed - BEUC Position Paper*
8. Jaap-Henk Hoepman, Associate Professor of privacy enhancing protocols and privacy by design in the Digital Security group at the Institute for Computing and Information Sciences of the Radboud University Nijmegen, *Civil liberties aspects of the commission proposal to amend the eIDAS regulation*
9. Eric Verheul, professor in the Digital Security Group of the Radboud University Nijmegen - *Issues and recommendations on the eIDAS wallet as proposed in the eIDAS update*
10. Manuel Atug expert in IT Security and engineering Chaos Computer Club & Christian Kahlo eID expert - *written input*
11. Lukasz Olejnik, PhD, https://lukaszolejnik.com, *written contribution*
12. Carmela Troncoso - Professor on Security and Privacy at Swiss Federal Institute of Technology Lausanne - *written input*
13. Dr. F. S. Gürses, Associat Professor at the Faculty of Technology, Policy and Management, TU Delft - *written input*
14. Eurosmart - The Voice Of The Digital Security Industry - Feedback on the revision of eIDAS
15. Mozzila
16. Google
17. Apple
18. The International Association for Trusted Blockchain Applications (INATBA) - Establishing a Framework for a European Digital Identity (eIDAS) - Policy Position
19. TWG Trusted Information of the EU Observatory for ICT Standardisation - report on “Trust in the European digital space in the age of automated bots and fakes”
20. Rule of Law Defense Coalition, Bucharest Romania
21. American Chamber of Commerce to the European Union, Brussels - *written input*

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Emenda tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward l-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea
Referenzi	COM(2021)0281 – C9-0200/2021 – 2021/0136(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 8.7.2021
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 8.7.2021
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	16.12.2021
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Cristian Terheş 29.11.2021
Eżami fil-kumitat	12.1.2022 30.5.2022
Data tal-adozzjoni	10.10.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 51 –: 1 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Malin Björk, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Patricia Chagnon, Clare Daly, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Assita Kanko, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Nuno Melo, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Emil Radev, Paulo Rangel, Terry Reintke, Karlo Ressler, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Sara Skyttedal, Vincenzo Sofo, Ramona Strugariu, Tomas Tobé, Yana Toom, Milan Uhrík, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Romeo Franz, Erik Marquardt, Fulvio Martusciello, Peter Pollák, Paul Tang, Róża Thun und Hohenstein, Miguel Urbán Crespo
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marek Paweł Balt, Gilles Boyer, Jonás Fernández, Hannes Heide, Othmar Karas, Georgios Kyrtsos, Karsten Lucke, Evelyn Regner, Antonio Maria Rinaldi, Simone Schmiedtbauer, Ralf Seekatz, Michal Šimečka, Ivan Štefanec

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

51	+
PPE	Andrzej Halicki, Othmar Karas, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Fulvio Martusciello, Nuno Melo, Nadine Morano, Peter Pollák, Emil Radev, Paulo Rangel, Karlo Ressler, Simone Schmiedtbauer, Ralf Seekatz, Sara Skyttedal, Ivan Štefanec, Tomas Tobé, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Javier Zarzalejos
RENEW	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Gilles Boyer, Sophia in 't Veld, Georgios Kyrtsos, Maite Pagazaurtundúa, Michal Šimečka, Ramona Strugariu, Róża Thun und Hohenstein, Yana Toom
S&D	Marek Paweł Balt, Pietro Bartolo, Jonás Fernández, Hannes Heide, Evin Incir, Karsten Lucke, Javier Moreno Sánchez, Evelyn Regner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Paul Tang, Elena Yoncheva
THE LEFT	Konstantinos Arvanitis, Malin Björk, Clare Daly, Miguel Urbán Crespo
VERTS/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Romeo Franz, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Terry Reintke, Diana Riba i Giner

1	-
NI	Milan Uhrík

4	0
ECR	Assita Kanko, Vincenzo Sofo
ID	Patricia Chagnon, Antonio Maria Rinaldi

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni